MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1080/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dr. Mario Cuschieri LL.D.)**

**Vs**

**Angelo Fregapane**

**Illum 12 ta' Dicembru, 2012**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rapport li bih Angelo Fregapane, kif deskritt fih, u minn issa l-quddiem maghruf bhala l-estradand, li fih jinghad li l-estradand huwa mfittex mill-Awtoritajiet Gudizzjarji fl-Italja, pajjiz barrani specifikat ai termini tal-Artikolu 7 tal-Att dwar l-estradizzjoni, Kap 276 (A.L. 131/96, biex jservi pieni ta' prigunerija wara li nstab hati b'bosta sentenza tal-Qrati Taljani ta' diversi reati liema reati gew kommessi bejn l-1991 u l-ahhar tas-sena 1999 u

cioe’: talli bhala direttur tas-socjeta’ CESPEDA, b’diversi atti ikkommetta delitti ta’ falliment doluz, approprjazzjoni indebita mwettqa minnu bhaal direttur u *general* manager ta’ ASI; talli bhala de facto direttur ta’ Informatica Service s.c.a.r.l. wettaq reati li ghandhom x’jaqsmu mal-kontabilita’ kif ukoll seraq il-fuq minn biljun lira Taljana u oggetti ohra li jappartjenu lil kumpanija; talli bhala chairman tal-consorzio Informatico Sicilioan s.r.l. wettaq falliment doluz, ghamel dikjarazzjonijiet foloz u seraq ammonti ta’ flejjes tal-kumpanija; talli ghamel kalunja kontra diversi persuni, minn kif deskritt fil-mandat ta’ arrest ghall-fini ta’ estradizzjoni mahrug mill-Procura della Repubblika presso il Tribunal di Agrigento datat it-13 t’Awwissu, 2010 hawn anness u mmarkat Dok A u ghalhekk qed tintalab l-estradizzjoni tal-estradand, skont il-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-imsemmi Dok A a fol 3 et seq ibid datat it-13 t’Awwissu, 2010.

Rat l-Awtorita ghall-procediment mahruga u ffirmata mill-Ministru kompetenti skont l-Artikolu 13 tal-istess Kapitolu 276 u dan fil-konfront tal-estradand, liema dokument jinsab a fol 7 u fol 8 tal-atti u markat Dok B. Wara li rat il-Mandat t’Arrest Provizorju, mahrug mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-konfront tal-estradand u li jinsab a fol 9 ibid u markat Dok C.

Rat id-dokumenti a fol 10 sa fol 15 tal-atti markati Dok D sa Dok F konsistenti f’ “Query Schengen Information” u “Sirene Forms”, l-istqarrija bil-miktub rilaxxata mill-estradand lill-Pulizija Maltija u l-passaport tal-istess estradand.

Rat l-esami skont il-ligi tal-istess estradand.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-estradand minn jeddu.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi, bhala riassunt tal-fatti in esami, qed jinghad, bhala bazi tat-talba ghall-estradizzjoni tal-estradand illi:

a. B’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell ta’ Palermo (Appell numru 738/2003), moghtija fis-26 ta’ Frar, 2003, din il-Qorti emendat, b’mod parzjali, sentenza moghtija mill-Qorti ta’ Agrigento (351/2001) moghtija fid-9 ta’ Mejju, 2001. Permezz taghha l-estradant kien instab hati talli fl-Italja, bejn is-snin 1991 sal-1996, bhala direttur ta’ zewg kumpaniji kkommetta approprjazzjoni indebita falsifikazzjoni ta’ fatturi u serq ta’ flejjes.

b. B’sentenza moghtija mill-Qorti ta’ Agrigento (220/2002) moghtija fit-13 ta’ Marzu, 2002, konfermata mill-Qorti tal-Appell ta’ Palermo (2980/2003) fit-3 ta’ Novembru, 2003, l-estradand instab hati ta’ reati in konnessjoni mal-kontabilita u serq oltre li seraq oltre biljun liri Taljani u oggetti ohra.

c. B’sentenza tal-Qorti tal-Appell ta’ Palermo (2702/2004) moghtija fit-18 t’Ottubru, 2004 li emendat w irriformat “in parte” sentenza tal-Qorti ta’ Agrigento (61/2003) tat-22 ta’ Jannar, 2003, l-istess estradand instab hati talli qabel l-1999 ikkommetta falliment doluz, ghamel dikjarazzjonijiet foloz u seraq ammonti ta’ flus.

d. B’sentenza tal-Qorti t’Agrigento (282/2004) tat-23 ta’ Marzu, 2004 konfermata mill-istess Qorti tal-Appell (2308/2005) tas-6 ta’ Lulju, 2005 hu rega’ nstab hati ta’ kalunnja kontra diversi persuni.

Illi b’riferenza ghall-istess sentenzi a fol 32 tal-atti jinsab dokument presentat mill-Ispettur Sandro Zarb (fol 27 ibid) fejn jinghad illi b’riferenza ghal dan il-kaz, skont il-ligi Taljana, ma sehhet l-ebda preskrizzjoni u l-estradand ghandu jservi piena ta’ prigunerija kumulattiva ammontati ghal tmin (8) snin, hdax-il (11) xahar u ghoxrin (20) jum.

Dwar din il-piena kumulattiva (Dottor Donatella Frendo Dimech (fol 27 ibid) waqt li esebiet id-dokumentazzjoni rilevanti ghal dan il-kaz, irrilevat illi “certa perjodu ta’ piena...gie mahfur wara l-intervent legali tal-estradand.

**Ikkunsidrat**

Illi a fol 33 tinsab l-imsemmija dokumentazzjoni in sostenn tal-erba’ sentenzi in esami, liema dokumenti huma awtentikati skont il-ligi.

Illi minn din id-dokumentazzjoni jirrisulta illi f’dik moghtija mill-Qorti ta’ Agrigento fit-22 ta’ Jannar, 2003, l-estradand kien presenti u assistit mill-Avukat teghu hemm imsemmi u fil-fatt kien instab mhux hati ta’ diversi mill-akkuzi migjuba kontrih. Din is-sentenza kienet giet appellata mill-Avukat tal-estradand waqt li fis-smigh ta’ dan l-Appell, l-estradant kien assenti izda assistit minn Avukat. L-istess sentenza giet konfermata f’Appell ulterjuri quddiem “La Corte Suprema di Cassazzione”.

Illi in rigward, sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta’ Agrigento, l-estradand kien assenti izda assistit minn Avukat, inkarigat minu. In rigward din is-sentenza, fiha jinghad illi, bhala domicilju maghzul mill-istess estradant kien l-ufficju legali tal-Avukat inkarigat minnu. Minn din is-sentenza kien gie interpost appell mill-Avukat tal-istess estradand li, fl-istess proceduri gie sostitwit minn Avukat iehor. Waqt dawn il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell, l-estradand kien assenti. Mill-istess sentenza jidher li dik originali moghtija mill-ewwel Qorti, giet konfermata in toto.

Illi in rigward it-tielet sentenza, l-estradand kien presenti u kien instab hati tal-akkuzi kif migjuba fil-konfront tieghu. Hawnhekk kien gie interpost Appell mill-Avukat inkarigat mill-estradand, li pero kien assenti. Is-sentenza originali giet konfermata.

Illi, fir-raba’ sentenza, l-estradand kien, ukoll, prezenti u nstab hati mhux mill-akkuzi kollha anzi gie dikjarat mhux hati minn diversi minnhom. Minn din is-sentenza, gie

interpost Appell mill-Avukat tal-istess estradand u gie deciz “in absentia”. Effettivament, il-Qorti tal-Appell irriformat “in parte” is-sentenza originali u ghalhekk l-estradand inghata sentenza ta’ prigunerija inqas minn dik originali.

Illi, mad-dokumentazzjoni esebita hemm anness dokumentn li jispecifika li “la pena residua complessiva” li ghandu jkun soggett l-estradand hu ta’ tmin (8) snin, hdax-il (11) xahar u ghoxrin (20) jum u dan wara li l-pieni originali kienu tnaqqsu wara “indulto” koncess fl-2006.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi <u>l-Ispettur Dr. Mario Cuschieri</u> (fol 38 et seq ibid) spjega kif l-estradand kien gie arrestat in konnessjoni ma’ dan il-kaz u x’gara sakemm kien tressaq quddiem il-Qorti kompetenti. F’din ix-xhieda jigi notat li l-istess estradand kien gie arrestat matul Ottubru 2010 fuq l-istess “alert”. Pero meta ingiebet a konjizzjoni tal-istess xhud u l-awtoritajiet l-ohra kompetenti, id-dokumentazzjoni relattiva, kien irrisulta illi dak addebitat lill-estradand kien gara qabel l-2010. Fi kliem l-istess xhud “Ghalhekk in rigward il-mandat ta’ arrest ewropew li kien specifikat fl-istess “alert” ma stajniex nkomplu bil-proceduri .... . Filfatt (fl-2010) l-estradand gie rilaxxat wara li nghata parir dwar dan minghand l-Avukat Generali.” Konsegwentement, kien gie rikjest mill-Awtoritajiet Taljani sabiex issir talba ghall-estradizzjoni “...taht il-ligi qabel ma gie “in vigore” hawn Malta il-mandat ta’ arrest ewropew. Inoltre kien hemm ukoll bzonn ta’ dokumentazzjoni ulterjuri (ara dwar dan l-arrest fl-2010, fol 50, fol 57 u fol 58 tal-istess atti).

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi a fol 45 ibid hemm riassunt ta’ kif gie kalkolat il-perjodu gja specifikat bhala “.......di pene concorrenti”. Jinghad ukoll, illi skont il-ligi Taljana “sino alla data odierna (cioe it-2 ta’ Novembru, 2012) non e’ intervenuta alcuna prescrizione” (ara wkoll fol 63, 70 u 77 et seq ibid).

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi Dottor Donatella Frendo Dimech (fol 54 et seq ibid) spjegat ulterjorment dwar l-arrest li sar f'Awwissu 2010 illi "ma konniex nuzaw din il-procedura (kif spjegata qabel fl-istess xhieda) kieku fil-bidu konna nafu li mhix applikabbli f'dan il-kaz il-"European Arrest Warrant". Ghalhekk l-estradant kien gie rilaxxat wara madwar sitt (6) sighat mill-arrest tieghu. Filfatt, f'dan il-perjodu ta' sitt sighat kien gie skopert kif dan il-kaz ma kienx applikabbli l-mandat ta' arrest ewropew izda kien kaz ta' "...estradizzjoni tradizzjonali" cjoe a bazi tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux l-avviz legali 320 tal-2004.

**Ikkunsidrat**

Illi, sintetizzati l-provi, kemm verbali kemm permezz ta' dokumentazzjoni, li fuqhom hi bazata din it-talba u risultanti li l-ligi applikabbai hi l-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk hu opportun li wiehed jara l-artikolu rilevanti ghal dan il-kaz kif ser jinghad:-

L-Italja, skont l-artikolu 6 u 7 tal-istess ligi, hi pajjiz desinjat "ghal kull effett u fini tal-istess ligi. Din il-ligi tapplika, b'mod specifiku ghall-istess, kaz ghal kriminali mahrub u li nstab hati ta' reat jew rati estradibbli kommessi fit-territorju ta' pajjiz desinjat u li jinstab f'Malta. Jigi notat illi persuna li nstabet hatja fil-pajjiz barrani desinjat izda fl-assenza tieghu ghandha tigi trattata bhala persuna akkuzata b'dak ir-reat jew reati (v. L-artikolu 2(2) ibid). Sussegwentement, fl-artikolu 8 ibid, li jittrata dwar reati estradibbli dan it-termin gie definit bhala reat li, in konnessjoni mieghu, kriminali li gja nstab hati skont l-Awtorita Gudizzjarja Barranija, jista' jitregga lura bil-kondizzjoni li l-piena jew pieni nflitti fil-pajjiz desinjat jiskorri terminu ta' prigunerija ghal zmien tnax-il (12) xahar jew aktar u fit-tieni (2) lok, l-att jew ommissjoni, dejjem ta' wiehed li nstab hat, jikkostitwixxu reat skont il-ligijiet ta' Malta jekk l-istess att jew ommissjoni saru f'Malta. Dwar dan jinghad, b'mod espress, li l-Qorti Rimandanti ma ghandhiex tara l-kliem jew terminologija uzati izda thares lejn is-sustanza w in-natura taghhom cjoe jekk ir-reat jew

reati taht il-ligi Maltija u dik tal-pajjiz desinjat humiex "...substantially of the same nature".

Ta' min jinnota illi, l-artikolu 11 ibid subinciz (c) jghid f'kaz ta' piena ta' persuna li nstabet hatja "in absentia", l-Ministru involut skont il-ligi "in materia" jista' f'kaz li ma hemmx assikurazzjoni sufficjenti li l-istess persuna, jista' jitlob ritrattazzjoni tal-kaz hekk deciz, ma jhalliex li l-istess persuna titregga lura.

Il-proceduri in esami jinkwadraw ruhhom taht l-artikolu 15(3)(b) ibid fejn jinghad li oltre li trattasi ta' reati estradibbli kif hawn fuq premess, il-Qorti rimandanti trid tkun sodisfatta illi l-estradand mahrub, kien effettivament instab hati.

**Ikkunsidrat**

Illi, ghalhekk din il-Qorti ser tiddeciedi dan il-kaz a bazi tal-provi u punti legali kif hawn fuq sintetizzati oltre li tikkunsidra dak kollu sollevat mill-estradand kemm fix-xhieda tieghu kemm waqt it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

a) Dwar dak ritenut mill-estradand lli meta kien gei arrestat matul Awwissu, 2010 u sussegwentement rilaxxat wara li dam arrestat ghal madwar sitt (6) sighat, mill-bidu ghandu jinghad illi, dan l-arrest ma jistax jigi konsiderat b'xi mod bhala illegali in vista li giet segwita il-procedura skont l-Avviz Legali 320/04 li tirregola mandat t'arrest ewropew. Difatti kif gie skopert li l-procedura taht dan l-avviz legali ma kienetix applikabbli, l-estradand gie rilaxxat. F'dan ir-rigward, l-abbli difensur tal-estradand issottometta li, hawn hekk, trattasi ta' "ne bis in idem". Pero tali sottomissjoni ma tistax tigi akkolta peress li l-estradand hawn Malta qatt ma kien sottomess ghal xi proceduri gudizzjarji dwar il-htija o meno fuq l-istess fatti. Fi ftit kliem dan il-kaz ma jittrattax b'mod evidenti ta' "autrefois acquit" jew "auterfois convit".

b) Dwar l-element ta' "reat jew reati estradibbli" kif di gja spjegat minn esami tal-erba' sentenzi involuti, wiehed facilment jista' jikkostatat li d-delitti kollha li taghhom instab hati mill-Awtorita Gudizzjarja Taljana jsibu l-korrispondenza taghhom f'delitti fil-Kodici Kriminali nostran u dan minghajr il-htiega li jsir xi esami aktar profond jew fid-dettal.

c) Dwar l-istess sentenzi u l-presenza tal-estradand waqt il-proceduri quddiem id-diversi Qrati Taljani li ggudikaw lill-estradand,wiehed jista' jara li hlief in rigwrd sentenza wahda, l-estradand kien dejjem presenti meta l-proceduri kienu quddiem il-Qorti tal-"prima istanza". Filfatt kien assenti biss f'dik li sabitu hati, principalment ta' kalunja vis-a-vis ufficjal tal-Pulizija Taljana izda anke f'dan il-kaz assistit minn Avukat tal-ghazla tieghu. Fl-appelli sussegwenti, jidher li s-senteni relattivi kienu nghataw fl-assenza tal-estradand. Dwar dan, pero', jidher li l-estradand kien dejjem assistit minn Avukat tal-ghazla tieghu, li, fuq bazi ta' probabbilita, l-assenza tieghu kienet xelta maghmula minnu u li sahansitra, l-estradand ma kienx instab hati ta' ceri akkuzi migjuba kontra tieghu fl-isatdju tal-appell. Dwar dan il-punt, hu minnu li taht il-ligi Maltija, proceduri kriminali hlief f'certu eccezzjonijiet, ghandhom bhala principju, jinstemghu fil-presenza tal-imputat jew akkuzat. Izda kif di gja premess, dan il-punt thalla, mill-ligi in desamina fil-kompetenza tal-Ministru involut.

**Ikkunsidrat**

Illi, minn dak kollu premess, jidhder li l-estradizzjoni tal-estradant lejn l-Awtorita Gudizzjarja barranija ghandha tigi akkoltaperess li:

a. id-dokumenti li abbazi taghhom saret din it-talba huma dokumenti li jissodisfaw din il-Qorti, dwar l-awtenticita taghhom skont l-istess ligi u huma prova tal-kontenut taghhom (Ara l-artikolu 22(1)(c) ibid).

b. L-istess dokumenti ossija s-sentenzi jinvolvu sentenzi ta' prigunerija ta' aktar minn sena, u

c. Il-Qorti, hi sodisfatta pjenament, li jissussisti l-element ta' "double criminality".

Illi, s'intendi, l-ordni ser tinhareg dejjem skont ir-regola ta' "speciality".

Ghal dan il-motivil-Qorti tilqa' t-talba in esami u tordna li l-estradand jinzamm taht kusotdja sabiex jistenna it-treggija tieghu lejn l-Italja u dan skont l-artikolu 15(3) tal-Kaptitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre waqt li tordna din it-treggija lura ghandha ssehh, wara hmistax-il (15) jum mid-data ta' din l-Ordni, l-istess Qorti qed tinforma lill-estradand li ghandu d-dritt li jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell u li jekk jhoss li l-artikolu 10(1) u (2) ibid kif ukoll il-Kosituzzjooni ta' Malta u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta qed jinkissru, inkissru jew aktarx ser jinkissru, hu ghandu d-dritt li japplika ghal rimedju skont l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew tal-Kapitolu 319 imsemmi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------